MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2003

Avviz Numru. 780/1997/1

**Brian Fenech**

**Vs**

**Joseph Borg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur is-somma ta’ mitejn u tletin lira Maltin (Lm230) rappresentanti danni kkagunati mill-konvenut fil-karozza tal-attur tal-marka Mini Minor Reg No T-0813 (M), u dan meta f’Tower Street, Msida, fil-25 ta’ Mejju 1996, waqt li l-istess karozza kienet ipparkjata, l-konvenut waqt li kien qed isuq Peugeot Reg No T-7741 (M), baqa’ diehel ripetutament fuq il-karozza tal-istess attur u kkaguna diversi hsarat fl-ammont fuq indikat, inkluzi loss of use, li ghalihom l-konvenut huwa unikament responsabbli

minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datati 21 ta' Gunju 1996 u 31 ta' Mejju 1996 u bl-imghax legali sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (a fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa:-

1. Illi l-incident in kwistjoni gara' unikament tort ta' l-attur Brian Fenech u l-eccipjenti laqghat il-car ta' l-attur biex jevita jolqtlu wara li naspettatament dahallu quddiemu;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess id-danni mitluba huma esagerati ghall-ahhar peress illi l-vettura ta' l-attur kienet fi stat hazin u mimlija sadid.

3. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-<u>attur</u> (fol 15 u fol 29 u fol 41 tal-atti) jsostni li hu kellu l-karozza tieghu numru T-0813 parkegjata quddiem ir-residenza tieghu f'Triq it-Torri fl-Imsida u dan fil-25 ta' Mejju 1996. Kif kien ser jaghlaq il-bieb ta' barra, hu sema' hoss ta' fanal jfaqqa' u, kif dar sabiex jhares lejn il-karozza tieghu hu ra li "…. L-konvenut (kien) qed jirriversja u dahal fil-karozza tieghu" " Hawnhekk, jidher li l-konvenut irrepeta din il-manuvra ghat-tielet darba billi, wara li saq il-quddiem, rega' ndjetregga il-karozza tieghu u rega "dahal go fiha". In rigward dan l-attur esebixxa (a fol 20 tal-atti) skizz mhux skalat fejn hemm indikati l-vetturi rispettivi wara l-incident kif deskritt u bi spazju bejn il-karozza gja parkeggata tal-attur u "Ford Transit" appartenenti lil terzi persuni. Ta minn jinnota li meta waslu, fuq il-post, il-Pulizija , il-karozza misjuqa mil-konvenut ma kienitx fl-istess posizzjoni kif indikata fl-istess skizz, u li l-attur , kif jidher mic-certifikat mediku a fol 19 ibid kellu "acute

anxiety state" minhabba dan l-incident fejn skond l-istess attur, il-konvenut …..”hareg hadida ghalija". Hu kompla jghid li qabel dan l-incident "… kien hemm argumenti verbali bejn il-genituri tieghu u l-konvenut". Waqt id-deposizzjoni tieghu, l-attur esebixxa zewg ritratti bil-kulur (fol 31 ibid) liema ritratti pero', kienu ttiehdu minnu "sentejn u nofs wara l-incident" minghajr ma ssottometta xi raguni jew motiv ghal dan. Inoltre, a fol 45 u fol 46 jinsabu esebiti zewg invoices, wiehed bid-data tas-27 ta' Mejju 1996 u l-iehor minghajr data. In rigward l-ewwel fattura, id-data fuqu tikkorispondi ghal meta kien sar ix-xoghol ta' riparazzjoni fuq il-karrozza tieghu waqt li in rigward t-tieni fatturi li tirreferi ghal xiri ta' parts, hu testwalment xehed " Kont xtrajt dawn il-parts gurnata qabel cjoe fis-26 ta' Mejju 1996". Hawnhekk, wara li xehed hekk, l-attur qal "…. Li ma nistax nghid meta hadt dawn ir-ritratti b'mod ezatt in vista li jidher evidenti li l-istess ritratti kienu ittiehdu ferm wara li sar ix-xoghol ta' riparazzjoni fuq il-karozza tal-attur.

Illi, in sostenn tax-xhieda tieghu, l-attur ipproduca wahda mill-girien tieghu cjoe Mary Calleja (fol 11 et seq ibid) li tirrisjedi fil-post kif muri fuq l-istess skizz imsemmi u li "… lill-attur nafu jitrabba". Din qalet li waqt li kienet, bil-qeghda, fuq il-veranda tad-dar taghha, hi kienet semghet hoss ta' metal u hgieg u meta ttawlet hi rat il-karozza tal-konvenut mdahhla f'dik tal-attur. Sussegwentement hi rat lill-konvenut "jirriversja lura ghal darbtjen b'sahha …. ghal gol-luggage boot tal-karozza tal-attur".

Inoltre, kienet ukoll rat lill-istess konvenut jaqbad hadida "… u kien ser jaghti lill-istess attur b'din il-hadida" Hi ssottolineat li l-incident kif deskritt minnha kien gara n-naha l-ohra tat-triq minn fejn kienet hi. Inoltre "lill-konvenut nafu ghax joqghod ftit il-fuq minni" u "…. Huwa mqabbad maghna". (ara pero x-xhieda ta' Mary Borg a fol 35 ibid u z-zewg ritratti esebiti minnha dwar jekk Mary Cutajar seghetx tara l-incident).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 26 u fol 27 ibid) jsostni li hu seta jipparkegga fl-ispazju li kien hemm bejn il-karozza tal-attur u l-“Ford Transit” gja imsemmi ossija “Jiena ikkalkolajt li nidhol” anke bir-reverse. Pero, kif kien qed jesegwixxi din il-manuvra, l-istess attur kien qed jdur mal-karozza tieghu cjoe tal-konvenut. Ghalhekk sabiex jevita li jolqot lill-attur, hu kien laqat “…kemm kemm il-fanal tal-karozza tieghu” ossija dak ta’ wara fuq il-lemin. Inoltre hu kompla jghid illi waqt li l-attur kien qed jdur mal-karozza tal-konvenut, waqt li kien qed jesegwixxi l-manuvra kif deskritta l-istess attur kien qed jistiednu ghal glied. In rigward il-karozza tal-attur il-konvenut iddeskriviha bhala mkissra minn qabel” “bil-bonnett jinfetah u b’hafna sadid” (ara ukoll ix-xhieda ta’ mart il-konvenut, Mary Borg a fol 32 u fol 35 tal-istess atti u li kienet fl-istess karozza misjuqa minn zewgha flimkien ma binhom minuri).

Ikkunsidrat

Illi, rinfaccjata biz-zewg versjonijiet tal-fatti sottomessi mill-partijiet involuti mix-xhieda prodotti minnhom,ghandu jigi premess illi minn jallega fatt ghandu jipprovah (ara l-Artikolu 563 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta f’dan ir-rigward).

Konsegwentement il-Qorti trid tkun konvinta dwar il-kredibilita u l-imparzjalita tal-provi prodotti. Fil-kaz in desamina, il-kaz tal-attur jistrieh fuq ix-xhieda tieghu u ta’ Mary Calleja kif hawn fuq sintetizzat. Dwar ix-xhieda tal-attur, il-Qorti ma setghetx tistrieh fuqha ghax jidher li hi inattendibbli u inaffidabbli tenut kont ta‘ dak li gja inghad dwar ir-ritratti esebiti minnu kollegat ma dak li xehed dwar meta esegwixxa ir-riparazzjonijiet fil-karozza tieghu. Dwar dak li intqal minn Mary Calleja ma tantx jidher li din ix-xhud hi imparzjali u indipendenti mill-attur. Ghalhekk il-Qorti ma setghetx tistrieh fuq dak Ii qalet din ix-xhud.

Illi, fid-dawl tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------